



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 1 ta' Ġunju 2021
(OR. en)

8691/21

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0094 (NLE)

PROBA 22
AGRI 216
WTO 129
DEVGEN 91
FORETS 27

ATTI LEĠISLATIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kunsill Internazzjonali tal-Kawkaw fir-rigward tal-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kawkaw tal-2010

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2021/...

ta' ...

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea
fi ħdan il-Kunsill Internazzjonali tal-Kawkaw
fir-rigward tal-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kawkaw tal-2010**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kawkaw tal-2010 (il-“Ftehim”) ġie konkluż mill-Unjoni bid-Deċizzjoni tal-Kunsill 2012/189/UE¹ u daħal fis-seħħ fl-1 ta’ Ottubru 2012.
- (2) Skont l-Artikolu 62(1) tal-Ftehim, il-Ftehim jibqa’ fis-seħħ sat-30 ta’ Settembru 2022, sakemm ma jġix estiż.
- (3) Skont l-Artikolu 7(1) tal-Ftehim, il-Kunsill Internazzjonali tal-Kawkaw tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kawkaw (il-“Kunsill tal-ICCO”) jeżerċita dawn is-setgħat kollha u jwettaq jew jirranġa għat-twettiq ta’ daww il-funzjonijiet kollha li huma meħtieġa biex jitwettqu d-dispożizzjonijiet espliċiti tal-Ftehim. Skont l-Artikolu 62(4) tal-Ftehim, il-Kunsill tal-ICCO jista’ jadotta deċizzjoni li testendi l-Ftehim lil hinn mid-data ta’ skadenza attwali tiegħu għal żewġ perjodi li ma jaqbżux is-sentejn tal-kawkaw kull wieħed, jiġi fieri sat-30 ta’ Settembru 2024 għall-ewwel perjodu u sat-30 ta’ Settembru 2026 għat-tieni perjodu.
- (4) Il-Kunsill tal-ICCO irid jadotta deċizzjoni dwar l-estensjoni tal-Ftehim wara l-103 sessjoni tiegħu fit-22 u t-23 ta’ April 2021.

¹ Id-Deċizzjoni tal-Kunsill 2012/189/UE of 26 ta’ Marzu 2012 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim Internazzjonali tal-2010 dwar il-Kawkaw (ĠU L102, 12.4.2012, p. 1).

- (5) Huwa xieraq li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fil-Kunsill tal-ICCO, minħabba li d-deċiżjoni tal-Kunsill tal-ICCO fir-rigward tal-estensjoni tal-Ftehim ser tkun vinkolanti fuq l-Unjoni.
- (6) Huwa fl-interess tal-Unjoni li l-Ftehim jiġi estiż u li l-Unjoni tibqa' parti għalih, meta titqies l-importanza tas-settur tal-kawkaw għal għadd ta' Stati Membri u għall-ekonomija tal-Unjoni.
- (7) L-estensjoni tal-Ftehim għal massimu ta' erba' snin jenħteġ li tagħti lill-membri tal-Kunsill ICCO ż-żmien xieraq biex iwettqu reviżjoni sostanzjali tal-Ftehim li tiffoka fuq il-modernizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tiegħu,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kunsill Internazzjonali tal-Kawkaw tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Kawkaw fir-rigward tal-estensjoni tal-Ftehim Internazzjonali dwar il-Kawkaw tal-2010 għandha tkun li tivvota favur l-estensjoni tiegħu għal żewġ perjodi li ma jaqbżux is-sentejn tal-kawkaw kull wieħed, jiġifieri sat-30 ta' Settembru 2024 għall-ewwel perjodu u sat-30 ta' Settembru 2026 għat-tieni perjodu.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi ...,

Għall-Kunsill

Il-President
